Abbozz

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' xx Ġunju 2005

dwar il-ħarsien xieraq tad-data personali miżmuma fir-Rekord ta' Isem il-Passiġġier (PNR) tal-passiġġieri ta' l-ajru li tiġi trasferita lill-Aġenzija tas-Servizzi tal-Fruntieri tal-Kanada

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2005/…/KE)

Il-Kummissjoni tal-KomunitAjiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-ħarsien ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u tal-moviment ħieles ta' tali data[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 25(6) tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 95/46/KE, l-Istati Membri huma mitluba jiżguraw li t-trasferiment ta' data personali lejn pajjiż terz jista' jsir biss jekk il-pajjiż terz ikkonċernat jiżgura livell xieraq ta' ħarsien u jekk il-liġijiet ta' l-Istati Membri li jimplementaw disposizzjonijiet o ħra tad-Direttiva jiġu sodisfatti qabel it-trasferiment.

(2) Il-Kummissjoni tista' ssib illi pajjiż terz jiżgura livell xieraq ta' ħarsien. F'dak il-każ, id-data personali tkun tista' tiġi trasferita mill-Istati Membri mingħajr il-bżonn ta' impenji addizzjonali.

(3) Skond id-Direttiva 95/46/KE il-livell ta' ħarsien tad-data jrid jiġi stmat fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha marbuta ma' l-operat ta' trasferiment ta' data jew ma' sett ta' operazzjonijiet ta' trasferiment ta' data, b'attenzjoni partikolari għal numru ta' elementi rilevanti għat-trasferiment, elenkati fl-Artikolu 25(2) tagħha.

(4) Fil-qafas tat-trasport bl-ajru, ir-"Rekord ta' Isem il-Passiġġier" (PNR) huwa rekord li fih ikun hemm irreġistrat it-talbiet kollha għall-vjaġġ ta' kull passiġġier u li fih l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati postijiet miżmuma mil-linji ta' l-ajru parteċipanti[2] u dawk li jkunu qed jibbukkjaw il-postijiet. Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, it-termini 'passiġġier' u 'passiġġiera' jinkludu wkoll il-membri ta' l-ekwipaġġ. 'Linja ta' l-ajru li tibbukkja' tfisser waħda li

[1] ĠU L 281, it-23.11.1995, p. 31; Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, il-31.10.2003, p.1).

[2] Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, it-terminu 'PNR' jinkludi Informazzjoni Avanzata dwar il-Passiġġier (API), kif hemm fit-Taqsima 4 tar-Rabtiet tas-CBSA.

magħha il-passiġġier ikun ibbukkja oriġinarjament jew li magħha jkun ibbukkja postijiet oħra wara li jkun beda l-vjaġġ. 'Linji ta' l-ajru parteċipanti' ifissru kwalunkwe linja ta' l-ajru li fuqha l-linja ta' l-ajru li tibbukkja tkun talbet spazju, fuq waħda jew aktar titjiriet, sabiex jinżamm għal passiġġier.

(5) L-Aġenzija tas-Servizzi tal-Fruntieri tal-Kanada (CSBA) titlob lil kull linja ta' l-ajru li tagħmel titjiriet tal-passiġġieri lejn il-Kanada sabiex tagħtiha aċċess elettroniku għall-PNR sal-punt li l-PNR jinġabar u jinżamm fis-sistemi ta' bbukkjar awtomatiċi tal-linja ta' l-ajru u f'dawk tal-kontroll tat-tluq.

(6) Il-ħtiġijiet għad-data personali li tinsab fil-PNR tal-passiġġieri fuq titjiriet li trid tiġi ttrasferita lis-CBSA, huma bbażati fuq l-Artikolu 107.1 ta' l-Att Doganali u l-paragrafu 148(d) ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni u l-Ħarsien tar-Refuġjati, u fuq ir-regolamenti li jimplementawh adottati taħt dawk l-Atti[3].

(7) Il-liġi tal-Kanada kkonċernata tittratta dwar it-tisħiħ tas-sigurtà u l-kundizzjonijiet li ta ħthom persuna tkun tista' tidħol fil-pajjiż, kwistjonijiet li fuqhom il-Kanada għandha d-dritt sovran li tiddeċiedi fil-ġurisdizzjoni tagħha. Aktar minn hekk, il-ħtiġijiet stipulati mhumiex, madankollu, inkonsistenti ma' xi wieħed mill-obbligi internazzjonali tal-Kanada. Il-Kanada huwa pajjiż demokratiku, iggvernat mir-regola tal-liġi u bi tradizzjoni twila ta' libertajiet ċivili. Ma hemm l-ebda dubju fuq il-proċess tat-tfassil tal-liġijiet u s-saħħa u l-indipendenza tal-ġudikatura. Il-libertà ta' l-istampa hija garanzija b'saħħitha oħra kontra l-abbuż tal-libertajiet ċivili.

(8) Il-Komunità hija impenjata bis-sħiħ biex tgħin lill-Kanada fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-limiti imposti mil-liġi tal-Komunità. Il-liġi tal-Komunità tipprovdi biex jinstab bilanċ xieraq bejn kwistjonijiet ta' sigurtà u ta' privatezza. Per eżempju, l-Artikolu 13 tad-Direttiva 95/46/KE jistipula illi l-Istati Membri jistgħu jilleġislaw sabiex jirrestringu l-applikazzjoni ta' ċerti ħtiġijiet tad-Direttiva, fejn dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, difiża, sigurtà pubblika u l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejba u l-prosekuzzjoni ta' offiżi kriminali.

(9) It-trasferimenti tad-data kkonċernata tinvolvu kontrolluri speċifiċi, jiġifieri l-linji ta' l-ajru li jagħmlu titjiriet bejn il-Komunità u l-Kanada, u istituzzjoni waħda li tirċievi din id-data fil-Kanada, is-CBSA.

(10) Kull arranġament sabiex ikun hemm qafas legali għat-trasferimenti tal-PNR lejn il-Kanada, b'mod partikolari permezz ta' din id-Deċiżjoni, għandhom ikunu limitati fiż-żmien. Intlaħaq ftehim dwar perjodu ta' tliett snin u nofs. Tul dan il-perjodu ta' żmien, il-kuntest jista' jinbidel b'mod sinifikattiv u l-Komunità u l-Kanada jiftiehmu illi tkun me ħtieġa reviżjoni mill-ġdid ta' l-arranġamenti.

(11) L-ipproċessar min-naħa tas-CBSA ta' data personali li tinsab fil-PNR tal-passiġġieri fuq titjiriet trasferiti lilu, huma rregolati minn kundizzjonijiet elenkati fl-Impenji ta' l-A ġenzija tas-Servizzi tal-Fruntieri tal-Kanada, f'relazzjoni għall-applikazzjoni tal-programm tal-PNR tagħha ta' xx Ġunju 2005 (minn hawn 'il quddiem "l-Impenji") u fil-liġi domestika tal-Kanada sal-grad imsemmi fl-Impenji.

---

[3] Ir-Regolamenti dwar l-Informazzjoni fuq il-Passiġġier (Dwana) u r-Regolament 269 tar-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni u l-Ħarsien tar-Refuġjati.

(12) Fir-rigward tal-liġi domestika fil-Kanada, l-Att dwar il-Privatezza, l-Att dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni u l-Artikolu 107 ta' l-Att Doganali huma rilevanti fil-kuntest pre żenti peress illi dawn jikkontrollaw il-kundizzjonijiet li taħthom is-CBSA tista' tirreżisti talbiet għal kxif, u għaldaqstant iżomm il-PNR kunfidenzjali. L-Att dwar il-Privatezza jirregola l-kxif tal-PNR lill-persuna konċernata, marbuta mill-qrib mad-dritt ta' l-aċċess tal-persuna li hija s-suġġett tad-data. L-Att dwar il-Privatezza japplika biss għal kwalunkwe persuna preżenti fil-Kanada. Madankollu, barra minn hekk, is-CBSA tagħti aċċess għall-informazzjoni miżmuma fil-PNR dwar ċittadin barrani, jekk dan jew din ma jkunux preżenti fil-Kanada.

(13) Fir-rigward ta' l-Impenji, u kif stipulat fit-Taqsima 43 tagħhom, id-dikjarazzjonijiet fl-Impenji, jew diġà ġew inkorporati fil-liġi eżistenti tal-Kanada jew jinsabu f'regolamenti domestiċi mfassla speċifikament għal dan il-għan, u għaldaqstant ikollhom effett legali. L-Impenji ser jiġu ppubblikati sħaħ fil-Gazzetta tal-Kanada. Bħala tali, huma jirrappre żentaw impenn serju u maħsub sew min-naħa tas-CBSA, u l-osservanza tagħhom ser tkun suġġetta għal reviżjoni konġunta mill-Kanada u l-Komunità. In-nuqqas ta' osservanza tista' tkun ikkontestata kif meħtieġ permezz ta' toroq legali, amministrattivi u politiċi u jekk din tippersisti, tagħti lok għas-sospensjoni ta' l-effetti ta' din id-Deċi żjoni.

(14) L-istandards li bihom is-CBSA se tipproċessa d-data tal-passiġġieri fuq il-PNR fuq il-ba żi tal-leġiżlazzjoni tal-Kanada u l-Impenji jkopru l-prinċipji bażiċi meħtieġa għal livell xieraq ta' ħarsien għal persuni fiżiċi.

(15) Fir-rigward tal-prinċipju ta' limitazzjoni ta' l-iskop, id-data personali tal-passiġġiera fuq titjiriet li jinsabu fil-PNR ittrasferiti lis-CBSA ser tiġi pproċessata għal skop speċifiku u wara dan tintuża jew tintbagħat ulterjorment biss sakemm dan ikun kompatibbli ma' l-iskop tat-trasferiment. B'mod partikolari, id-data tal-PNR ser tintuża strettament għal skopijiet ta' prevenzjoni u l-ġlieda kontra: it-terroriżmu u r-reati marbuta miegħu; reati serji oħra, inkluża l-kriminalità organizzata, li huma ta' natura trans-nazzjonali.

(16) Fir-rigward tal-prinċipju tal-kwalità u l-proporzjonalità tad-data, li jridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni f'relazzjoni mar-raġunijiet importanti ta' interess pubbliku li minħabba fihom tkun ġiet ittrasferita id-data tal-PNR, id-data tal-PNR li ngħatat lis-CBSA ma tkunx tista' tinbidel minnha aktar tard. Ser jiġu ttrasferiti massimu ta' 25 kategorija ta' data tal-PNR u s-CBSA se tikkonsulta u taqbel mal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-revi żjoni tal-25 element tad-data tal-PNR meħtieġa, li huma murija fl-Appendiċi A, qabel ma sseħħ din ir-reviżjoni. Informazzjoni personali addizzjonali mitluba bħala riżultat dirett tad-data tal-PNR tinkiseb biss minn sorsi minn barra l-gvern, permezz ta' mezzi legali. Bħala regola ġenerali, il-PNR jitħassar wara massimu ta' 3 snin u 6 xhur.

(17) Fir-rigward tal-prinċipju tat-trasparenza, is-CBSA tipprovdi informazzjoni lil vjaġġaturi dwar l-iskop tat-trasferiment u l-ipproċessar, u l-identità tal-kontrollur tad-data, kif ukoll informazzjoni oħra.

(18) Fir-rigward tal-prinċipju tas-sigurtà, il-miżuri tas-sigurtà teknika u organizzattivi jittie ħdu mis-CBSA, li huma xierqa skond ir-riskji ppreżentati mill-ipproċessar.

(19) Id-dritt ta' l-aċċess, ir-retifika u n-notazzjoni huma rikonoxxuti fl-Att dwar il-Privatezza għal dawk l-individwi preżenti fil-Kanada. Is-CBSA testendi dawn id-

drittijiet dwar l-informazzjoni li għandha l-PNR fil-pussess tagħha għal dawk iċ-ċittadini barranin li mhumiex preżenti fil-Kanada. L-eċċezzjonijiet previsti jistgħu jitqabblu b'mod ġenerali mar-restrizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti mill-Istati Membri taħt l-Artikolu 13 tad-Direttiva 95/46/KE.

(20) Isiru trasferimenti `il quddiem lil awtoritajiet governattivi oħra, inkluż awtoritajiet governattivi barranin, fuq il-bażi ta' każ b'każ, għal skopijiet li huma identiċi jew konsistenti ma' dawk elenkati fid-dikjarazzjoni ta' limitazzjoni ta' l-iskop dwar l-ammont minimu tad-data. Jistgħu jsiru wkoll trasferimenti għall-ħarsien ta' l-interess vitali tas-suġġett tad-data jew ta' persuni oħra, b'mod partikolari fir-rigward ta' riskji sinifikattivi għas-saħħa, jew fi kwalunkwe proċeduri ġudizzjarji jew b'liema mod ieħor hu mitlub mil-liġi. L-aġenziji li jirċievu huma obbligati mit-termini espressi ta' kxif sabiex jużaw id-data għal dawk l-iskopijiet biss u ma jistgħux jittrasferixxu d-data `l quddiem mingħajr il-qbil tas-CBSA. L-ebda aġenzija barranija, federali, provinċjali jew lokali oħra ma għandha aċċess elettroniku dirett għad-data tal-PNR permezz tad-databases tas-CBSA. Is-CBSA mhix ser tippermetti kxif pubbliku tal-PNR fuq il-bażi ta' l-eżenzjonijiet mid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Att dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni u l-Att dwar il-Privatezza.

(21) Is-CBSA ma tirċeviex data sensittiva fis-sens ta' l-Artikolu 8 tad-Direttiva 95/46/KE.

(22) Fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' l-infurzar sabiex tiġi żgurata l-osservanza ta' dawn il-prinċipji min-naħa tas-CBSA, qed ikun provdut taħriġ u informazzjoni lill-personal tas-CBSA, kif ukoll sanzjonijiet għall-membri individwali tal-personal. Ir-rispett tas-CBSA għall-privatezza b'mod ġenerali ser tkun taħt il-lenti ta' l-Uffiċċju indipendenti tal-Kummissarju tal-Privatezza tal-Kanada, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet u l-Libertajiet tal-Kanada u fl-Att dwar il-Privatezza. Il-Kummissarju tal-Privatezza jista' jindirizza lmenti mgħoddija lilu mill-awtoritajiet għall-Ħarsien tad-data fl-Istati Membri f'isem ir-residenti tal-Komunità, jekk ir-resident jemmen li l-ilment tieg ħu jew tagħha ma' ġiex trattat kif suppost mis-CBSA. L-osservanza ma' l-Impenji ser tkun is-suġġett ta' reviżjoni annwali konġunta li trid titmexxa mis-CBSA, flimkien ma' tim immexxi mill-Kummissjoni.

(23) Fl-interess tat-trasparenza u sabiex tissalvagwardja l-ħila ta' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri sabiex jiżguraw il-ħarsien ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-data personali tagħhom, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġ ġustifikaw is-sospensjoni ta' flussi speċifiċi ta' data, minkejja li jinstab ħarsien xieraq.

(24) Il-Kumitat ta' Ħidma dwar il-Ħarsien ta' l-Individwu fir-rigward ta' l-Ipproċessar tad-Data Personali mwaqqaf taħt l-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE ta opinjonijiet fuq il-livell tal-ħarsien provdut mill-awtoritajiet tal-Kanada għad-data tal-passiġġiera, li mexxa lill-Kummissjoni tul in-negozjati tagħha mas-CBSA. Il-Kummissjoni ħadet nota ta' dawn l-opinjonijiet fil-preparazzjoni ta' din id-Deċiżjoni[4].

---

[4] Opinjoni 3/2004 fuq il-livell ta' ħarsien żgurat fil-Kanada għat-trasmissjoni tar-Rekord ta' Isem il-Passiġġier u Informazzjoni Avanzata dwar il-Passiġġier mil-linji ta' l-ajru, adottata mill-Kumitat ta' Ħidma tal-11 ta' Frar 2004, disponibbli f' http://europa.eu.int/comm/internal_market/privacy/docs/wpdocs/2004/wp88_en.pdf.
Opinjoni 1/2005 fuq il-livell ta' ħarsien żgurat fil-Kanada għat-trasmissjoni tar-Rekord ta' Isem il-Passiġġier u Informazzjoni Avanzata dwar il-Passiġġier mil-linji ta' l-ajru, adottata mill-Kumitat ta' Ħidma tal-19 ta' Frar 2005, disponibbli f'

(25) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf ta ħt l-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 95/46/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' l-Artikolu 25(2) tad-Direttiva 95/46/KE, l-Aġenzija tas-Servizzi Doganali tal-Fruntieri tal-Kanada (minn hawn 'il quddiem is-CBSA) hija kkunsidrata li tagħti livell ta' ħarsien xieraq għal data tal-PNR trasferita mill-Komunità dwar titjiriet lejn il-Kanada, skond l-Impenji elenkati fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija dwar il-livell xieraq ta' ħarsien mogħti mis-CBSA sabiex jintlaħqu l-ħti ġijiet ta' l-Artikolu 25(1) tad-Direttiva 95/46/KE u m'għandhiex taffettwa l-kundizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet l-oħrajn li jimplementaw dispożizzjonijiet oħra ta' dik id-Direttiva li g ħandhom x'jaqsmu ma' l-ipproċessar tad-data personali fl-Istati Membri.

Artikolu 3

1. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tagħhom li jieħdu azzjoni sabiex jiżguraw l-osservanza mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond dispożizzjonijiet li mhumiex dawk ta' l-Artikolu 25 tad-Direttiva 95/46/KE, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jistgħu jeżerċitaw il-poteri eżistenti tagħhom sabiex jissospendu flussi ta' data lis-CBSA sabiex jipproteġu l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-data personali tagħhom fil-każijiet li ġejjin:

   (a) fejn awtorità kompetenti tal-Kanada tkun iddeterminat illi s-CBSA kisret l-istandards ta' ħarsien applikabbli; jew

   (b) fejn hemm probabbiltà sostanzjali li l-istandards ta' ħarsien stabbiliti fl-Anness qed jinkisru, hemm raġunijiet għaliex wieħed jemmen illi s-CBSA mhix qiegħda jew mhux ser tieħu miżuri xierqa u fil-waqt sabiex tagħlaq il-każ taħt kwistjoni, it-trasferiment kontinwu jista' joħloq riskju iminenti ta' dannu gravi għas-suġ ġetti tad-data u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membri għamlu sforzi ra ġonevoli fiċ-ċirkostanzi sabiex jagħtu twissija lis-CBSA u l-opportunità biex din tirrispondi.

2. Is-sospensjoni għandha tieqaf hekk kif l-istandards ta' ħarsien jiġu żgurati u l-awtorità kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernata tkun innotifikata.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien meta jiġu adottati miżuri skond l-Artikolu 3.

---

http://europa.eu.int/comm/internal_market/privacy/docs/wpdocs/2005/wp103_en.pdf.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin b'kull bidla fl-istandards tal-ħarsien u bil-każijiet fejn l-azzjoni tal-korpi responsabbli, biex tkun żgurata l-osservanza ta' l-istandards ta' ħarsien mis-CBSA, kif stipulat fl-Anness, tonqos milli tiżgura tali osservanza.

3. Jekk l-informazzjoni miġbura skond l-Artikolu 3 u skond il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu turi li mhux qed jiġu osservati l-prinċipji bażiċi meħtieġa għal livell xieraq ta' ħarsien għal persuni fiżiċi, jew li xi korp responsabbli milli tkun żgurata osservanza ta' l-istandards tal-ħarsien mis-CBSA, kif stipulat fl-Anness, mhux qed jissodisfa bis-sħiħ ir-rwol tiegħu, is-CBSA għandha tkun infurmata u, jekk ikun meħtieġ, għandha tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 95/46/KE, bl-għan li tirrevoka jew tissospendi din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

It-tħaddim ta' din id-Deċiżjoni ser tkun sorveljata u kull sejba rilevanti rrappurtata lill-Kumitat imwaqqaf skond l-Artikolu 31 tad-Direttiva 95/46/KE, inkluż kull prova li tista' taffettwa s-sejba fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni, li l-ħarsien tad-data personali li tinsab fil-PNR tal-passiġġieri fuq titjiriet li tkun trasferita lis-CBSA hija xieraqa skond it-tifsira ta' l-Artikolu 25 tad-Direttiva 95/46/KE.

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jaderixxu ma' din id-Deċiżjoni fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni tiskadi fi żmien tliet snin u 6 xhur wara d-data tan-notifika tagħha, sakemm ma tiġix estiża skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 95/46/KE.

Artikolu 8

Din id-Deċiżoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel,

Għall-Kummissjoni

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Impenji mill-Aġenzija tas-Servizz Doganali tal-Fruntieri tal-Kanada dwar l-Applikazzjoni tal-Programm tal-PNR tagħha

L-Awtorità Legali biex Tiġbor l-Informazzjoni API u PNR

1. Il-kumpaniji ta' l-ajru huma kollha obbligati, taħt il-liġi tal-Kanada, biex jipprovdu lill-Aġenzija tas-Servizzi tal-Fruntieri tal-Kanada (is-CBSA) b'Informazzjoni Avanzata dwar il-Passiġġier (API) u r-Rekord ta' Isem il-Passiġġier (PNR), liema informazzjoni jkollha x'taqsam ma' dawk il-persuni kollha fuq titjiriet lejn il-Kanada. L-awtorità legali tas-CBSA li tikseb u tiġbor tali informazzjoni tinstab fit-Taqsima 107.1 ta' l-*Att Doganali*, u r-*Regolamenti dwar l-Informazzjoni fuq il-Passiġġier (Dwana)* li jaqgħu taħtha, u fil-paragrafu 148(1)(d) ta' l-*Att dwar l-Immigrazzjoni u l-Ħarsien tar-Refu ġjati* u r-Regolament 269 tar-*Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni u l-Ħarsien tar-Refu ġjati* li jaqgħu taħtu.

L-Għan li Għalih Jinġabru l-API u l-PNR

2. L-informazzjoni ta' l-API u l-PNR se tinġabar mis-CBSA biss fejn għandhom x'jaqsmu titjiriet li jaslu fil-Kanada. Is-CBSA se tuża l-informazzjoni mill-API u l-PNR, miġbura minn linji ta' l-ajru Ewropej u oħrajn, biss biex tidentifika persuni li x'aktarx ikunu jistgħu jwasslu oġġetti marbuta ma', jew persuni li ma jkunux jistgħu jiddaħħlu fil-Kanada minħabba r-rabta potenzjali tagħhom mat-terroriżmu jew mal-kriminalità marbuta mat-terroriżmu, jew ma' kriminalità serja oħra, inkluża l-kriminalità organizzata, li huma trans-nazzjonali fin-natura tagħhom.

3. L-API u l-PNR se jintużaw mis-CBSA biex ikunu identifikati persuni li jkunu soġġetti għal stħarriġ jew eżami aktar mill-qrib meta dawn jaslu fil-Kanada, jew li jkunu jeħtie ġu aktar stħarriġ, għal wieħed mill-għanijiet deskritti fit-Taqsima 2. L-ebda azzjoni ta' infurzar m'hi se tittieħed mis-CBSA jew minn uffiċjali ta' l-infurzar tal-liġi tal-Kanada sempliċement minħabba l-ipproċessar awtomatizzat tad-data ta' l-API u l-PNR.

L-Informazzjoni li Tkun Inġabret ta' l-API u l-PNR

4. Il-lista ta' l-elementi tad-data ta' l-API li se tinġabar mis-CBSA għall-finijiet stabbiliti fit-Taqsima 2, qed tkun stabbilita fil-paragrafi 3(a) sa (f) tar-*Regolamenti ta' l-Informazzjoni dwar il-Passiġġiera (Dwana)* li jaqgħu taħt l-*Att dwar id-Dwana*.[5] Il-lista ta' l-elementi tad-data tal-PNR li se tinġabar mis-CBSA għall-finijiet stabbiliti fit-Taqsima 2 hija stabbilita fl-Appendiċi A. Għal ċertezza akbar, "elementi ta' data sensittiva" fit-tifsira ta' l-Artikolu 8.1 tad-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva"), u t-taqsimiet kollha ta' "test miftuħ" jew "rimarki ġenerali", mhux se jkunu inklużi f'dawn il-25 element ta' data.

[5] Il-paragrafi 3 (a) sa (f) fihom id-data ta' l-API li ġejjin: (a) il-kunjom tal-persuna, l-isem u dak tan-nofs, jekk ikun hemm; (b) id-data tat-twelid; (ċ) is-sess; (d) iċ-ċittadinanza jew in-nazzjonalità; (e) it-tip ta' dokument ta' l-ivjaġġar li jidentifika lil dik il-persuna, l-isem tal-pajjiż li fih dan id-dokument ta' l-ivvjaġġar ikun inħareġ u n-numru tad-dokument ta' l-ivvjaġġar; (f) in-numru li permezz tiegħu jinsabu r-rekords ta' l-ibbukkjar, jekk ikun hemm, u fil-każ ta' persuna li tkun qed twassal xi oġġetti kummerċjali jew ta' kwalunkwe membru ieħor ta' l-ekwipaġġ li ma jkollux numru li permezz tiegħu jinsab ir-rekord ta' l-ibbukjar, in-notifika ta' l-istatus tagħhom bħala membru ta' l-ekwipaġġ.

5. Is-CBSA mhux se teħtieġ li linja ta' l-ajru tiġbor l-informazzjoni tal-PNR li l-kumpanija ma tkunx żammet għall-finijiet tagħha, u lanqas m'hi se titlob lill-kumpanija ta' l-ajru biex tiġbor kwalunkwe informazzjoni addizzjonali biex din tkun disponibbli g ħas-CBSA. Għalhekk, is-CBSA tirrikonoxxi li se tiġbor dawk l-elementi tad-data mniż żla fil-lista ta' l-Appendiċi A biss, sakemm kumpanija ta' l-ajru ma tkunx għażlet li tpo ġġihom fis-sistemi tagħha ta' bbukkjar awtomatizzat u f'dawk tal-kontroll tat-tluq (DCS).

6. Is-CBSA se tikkonsulta u taqbel mal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-reviżjoni tal-25 element tad-data tal-PNR meħtieġa, li huma murija fl-Appendiċi A, qabel ma sseħħ din ir-reviżjoni,

   (a) jekk is-CBSA tinduna bi kwalunkwe element addizzjonali tad-data tal-PNR li jista' jkun disponibbli u tqis li dak l-element ikun meħtieġ għall-finijiet stabbiliti fit-Taqsima 2; jew

   (b) jekk is-CBSA, fi kwalunkwe żmien, tinduna li element partikolari tad-data tal-PNR ma jkunx aktar meħtieġ għall-finijiet murija fit-Taqsima 2.

Il-Metodu kif ikun hemm Aċċess għall-Informazzjoni ta' l-API u l-PNR

7. Is-Sistema ta' l-Informazzjoni tal-Passiġġier tas-CBSA (minn hawn 'il quddiem imsej ħa "PAXIS") ġiet ikkonfigurata biex tirċievi mingħand kumpanija ta' l-ajru l-informazzjoni ta' l-API u l-PNR.

Iż-Żamma, u l-Aċċess, għall-Informazzjoni ta' l-API u l-PNR

8. Fejn l-informazzjoni ta' l-API u l-PNR ikollha x'taqsam ma' persuna li mhiex is-suġ ġett ta' stħarriġ fil-Kanada għall-għan deskritt fit-Taqsima 2, din se tinżamm fis-sistema PAXIS għal mhux aktar minn tliet snin u nofs. Matul dan il-perjodu, l-informazzjoni se tinżamm b'manjiera dejjem iżjed mhux personalizzata, kif ġej:

   (a) Minn mindu din tasal sa 72 siegħa wara, l-informazzjoni kollha disponibbli ta' l-API u l-PNR se tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' uffiċjali miraturi u tas-servizzi ta' l-informazzjoni tas-CBSA, li jużaw din l-informazzjoni biex jidentifikaw lil dawk il-persuni li jkunu jeħtieġu stħarriġ aktar mill-qrib meta dawn jidħlu fil-Kanada, minħabba wieħed mill-għanijiet stipulati fit-Taqsima 2.

   (b) Wara 72 siegħa sat-tmiem tat-tieni sena minn meta jkunu waslu, ir-rekord tal-PNR ta' persuna, jinżamm fis-sistema PAXIS iżda jkun aċċessibbli biss għall-uffi ċjali tas-servizzi ta' l-informazzjoni tas-CBSA li posthom ikun f'ajruport internazzjonali tal-Kanada jew fil-kwartieri ġenerali nazzjonali tas-CBSA f'Ottawa. L-isem tal-persuna li għaliha tkun tirreferi l-informazzjoni ma jkunx aċ ċessibbli għal dawn l-uffiċjali, sakemm dan ma jkunx meħtieġ biex ikompli jsir l-istħarriġ fil-Kanada minħabba wieħed mill-għanijiet deskritti fit-Taqsima 2. Ir-rekord tal-PNR jerġa' jiġi personalizzat mill-ġdid biss fejn l-uffiċjal ikun jidhirlu, b'mod raġonevoli, li l-isem tal-persuna huwa meħtieġ biex jitkompla l-istħarriġ. Matul dan il-perjodu, l-informazzjoni mhux personalizzata tista' tintuża mill-analisti tas-servizzi ta' l-informazzjoni tas-CBSA għall-analiżi ta' xejriet kif ukoll għall-iżvilupp ta' indikaturi ta' riskju fil-futur li jkollhom x'jaqsmu mal-

finijiet stipulati fit-Taqsima 2.

(c) Wara sentejn minn meta jkun riċevut, ir-rekord tal-PNR jinżamm fis-sistema PAXIS għal perjodu ieħor ta' mhux aktar minn sena u nofs, iżda l-elementi tad-data kollha li jistgħu jservu bħala mezz biex tkun identifikata l-persuna li jkollha x'taqsam ma' din l-informazzjoni, ikunu aċċessibbli biss bl-approvazzjoni tal-President tas-CBSA għall-għan deskritt fit-Taqsima 2. Matul dan il-perjodu, l-informazzjoni magħmula f'forma mhux personalizzata tista' tintuża mill-analisti tas-CBSA għall-analiżi ta' xejriet, kif ukoll għall-iżvilupp ta' indikaturi ta' riskju fil-futur li jkollhom x'jaqsmu mal-finijiet stipulati fit-Taqsima 2.

(d) L-informazzjoni ta' l-API se tinħażen separatament mill-informazzjoni tal-PNR fis-sistema PAXIS. Din se tinżamm fis-sistema PAXIS għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin u nofs, iżda matul dak il-perjodu l-informazzjoni ta' l-API li jkollha x'taqsam ma' persuna mhux se tintuża biex wieħed jikseb aċċess għall-informazzjoni tal-PNR dwar l-istess persuna, sakemm ir-rekord tal-PNR ma jkunx ġie personalizzat mill-ġdid fiċ-ċirkostanzi deskritti fil-paragrafu b.

9. Fejn l-informazzjoni ta' l-API u l-PNR ikollha x'taqsam ma' persuna li tkun is-suġġett ta' stħarriġ fil-Kanada għall-għan deskritt fit-Taqsima 2, din se titpoġġa f'bażi ta' tagħrif dwar l-infurzar tas-CBSA. Dawn il-bażijiet ta' tagħrif ikun fihom biss informazzjoni dwar persuni li jkun ġew investigati jew suġġetti għal azzjoni ta' infurzar taħt il-liġi tas-CBSA. L-aċċess għal dawn il-bażijiet ta' tagħrif huwa biss għal dawk l-uffiċjali tas-CBSA li d-doveri tagħhom jitolbu li dawn ikollhom tali aċċess, u li dan ikun issorveljat tajjeb. L-informazzjoni ta' l-API u l-PNR li tiġi trasferita għal din il-bażi ta' tagħrif ta' infurzar m'għandhiex tinżamm f'dik is-sistema għal aktar milli huwa meħtieġ, u fi kwalunkwe każ għal perjodu ta' mhux aktar minn 6 snin; eżattament wara dan il-perjodu din għandha tinqered, sakemm ma jkunx meħtieġ li din tinżamm għal perjodu itwal minħabba l-Att dwar il-Privatezza jew l-Att dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, kif spjegat fil-paragrafu 10 b.

10. Fejn informazzjoni personali tintuża mis-CBSA biex tittieħed deċiżjoni li tolqot l-interessi tas-suġġett tad-data li jkollha x'taqsam magħha, din għandha tinżamm mis-CBSA għal perjodu ta' sentejn mid-data ta' dan l-użu, biex is-suġġett tad-data jkollu aċċess għall-informazzjoni li fuqha tkun ittieħdet tali deċiżjoni, sakemm l-individwu ma jkunx ta l-awtorizzazzjoni dwar id-disponiment tagħha minn qabel jew fejn din tkun ir ċeviet talba għall-aċċess għall-informazzjoni, sa ż-żmien li fih l-individwu kellu l-opportunità li jeżerċita d-drittijiet kollha tiegħu taħt l-Att dwar il-Privatezza jew l-Att dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni.

(a) Fil-każ ta' informazzjoni miżmuma fis-sistema PAXIS, dan il-kriterju ta' sentejn se jkun inkluż fil-perjodu massimu ta' tliet snin u nofs, li għalih l-informazzjoni għandha tinżamm f'dik il-bażi ta' tagħrif.

(b) Fil-każ ta' informazzjoni miżmuma f'bażi ta' tagħrif ta' infurzar, l-informazzjoni ta' l-API u l-PNR tista' tinżamm fejn meħtieġ għal perjodu ta' mhux aktar minn 6 snin għall-użu ta' stħarriġ mis-CBSA deskritt fit-Taqsima 9, u mbagħad għal perjodu massimu ieħor ta' sentejn oħra; matul dan il-perjodu din tkun disponibbli għall-aċċess mis-suġġett tad-data, skond l-Att dwar il-Privatezza jew l-Att dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, iżda ma tkunx disponibbli għall-użu

amministrattiv tas-CBSA.

11. L-informazzjoni ta' l-API u l-PNR, meta jiskadu l-perjodi ta' żamma deskritti fiT-Taqsima 8 sa 10, għandha tinqered skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Arkivji Nazzjonali[6].

L-Iżvelar ta' l-Informazzjoni ta' l-API u l-PNR lil Dipartimenti u Aġenziji Oħra tal-Kanada

12. L-iżvelar kollu ta' l-informazzjoni ta' l-API u l-PNR mis-CBSA huwa kkontrollat mill-Att dwar il-Privatezza, l-Att dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni u bil-liġijiet tas-CBSA stess. Għalkemm l-Att dwar il-Privatezza u l-Att dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni jagħtu d-dritt ta' l-aċċess għar-rekords, sakemm ma tkunx tapplika xi eċċezzjoni jew esklużjoni, dawn l-Atti ma jeħtiġux mod ieħor xi żvelar mandatorju ta' l-informazzjoni ta' l-API u l-PNR. Kopja tal-politika amministrattiva tas-CBSA li tikkontrolla dan l-i żvelar, l-aċċess għal u l-użu ta' l-informazzjoni ta' l-API u l-PNR, il-Memorandum D-1-16-3 intitolat il-Linji ta' gwida Amministrattivi Interim għall-Iżvelar, l-Aċċess għal u l-Użu tad-Data tar-Rekord ta' l-Isem tal-Passiġġier (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-politika ta' l-iżvelar tal-PNR tas-CBSA") se tiġi ppubblikata u se tkun disponibbli g ħall-pubbliku fuq is-sit ta' l-*internet* tas-CBSA. Din il-politika, deskritta f'aktar dettal fit-Taqsima 37 ta' dawn l-Impenji, tistipula li l-informazzjoni ta' l-API u l-PNR tista' tinqasam ma' dipartimenti governattivi oħra tal-Kanada biss għall-għan stabbilit fit-Taqsima 2, sakemm l-iżvelar ikun konformi mas-*subpoena* jew il-liċenzja maħruġa, jew ordni magħmula minn qorti, persuna jew entità li jkollha l-ġurisdizzjoni tagħha fil-Kanada biex titwettaq il-produzzjoni ta' l-informazzjoni jew għall-finijiet ta' kwalunkwe proċeduri ġudizzjarji.

13. L-informazzjoni ta' l-API u l-PNR ma tiġix żvelata f'daqqa. Is-CBSA tippermetti biss ir-rilaxx ta' informazzjoni magħżula ta' l-API u l-PNR fuq bażi ta' każ b'każ u wara li tkun stħarrġet ir-relevanza tat-tagħrif speċifku tal-PNR li għandu jkun żvelat biss. Dawk l-elementi partikolari ta' l-API u l-PNR li jkunu meħtieġa biss fiċ-ċirkostanzi partikolari għandhom ikunu pprovduti. Fil-każijiet kollha, għandu jkun ipprovdut l-ammont minimu ta' informazzjoni possibbli.

14. Is-CBSA tiżvela biss informazzjoni ta' l-API u l-PNR fejn dawk li jirċievu tali informazzjoni jintrabtu li jagħtuha l-istess ħarsien li tagħti s-CBSA. Dawk id-dipartimenti tal-gvern tal-Kanada li jirċievu l-informazzjoni tal-PNR huma marbuta wkoll bil-kriterji ta' l-Att dwar il-Privatezza, sakemm dawn ikunu mniżżla fl-Iskeda ta' dan l-Att. L-Att dwar il-Privatezza japplika għal informazzjoni personali li tkun dwar persuna li tiġi identifkata, miżmuma fi kwalunkwe għamla, u li tkun taħt il-kontroll ta' dipartiment jew aġenzija tal-gvern federali tal-Kanada u suġġetta għall-Att. L-imsemmija dipartiment jew aġenzija m'għandhomx dritt jiġbru informazzjoni personali tkun xi tkun sakemm dawn ma jkunux "marbuta direttament ma' programm jew ħidma ta' l-operat ta' l-istituzzjoni".

15. Is-CBSA teħtieġ, bħala kwistjoni ta' prattika u bħala kondizzjoni preċedenti għall-i żvelar, li l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi federali jew lokali tal-Kanada jintrabtu li ma jiżvelawx ulterjorment l-informazzjoni li huma jkunu rċevew, mingħajr il-permess tas-CBSA, sakemm ma jkunx hekk meħtieġ bis-saħħa ta' liġi.

[6] Dan l-Att jistabbilixxi l-formalitajiet li għandhom ikunu segwiti qabel mar-rekords tal-gvern jinqerdu.

L-Iżvelar ta' l-Informazzjoni ta' l-API u l-PNR lil Pajjiżi Oħra

16. Is-CBSA tista' taqsam l-informazzjoni ta' l-API u l-PNR mal-gvern ta' stat barrani, skond arranġament jew ftehim taħt is-sub-artikolu 8(2) ta' l-Att dwar il-Privatezza u s-sub-artikolu 107(8) ta' l-Att dwar id-Dwana.

17. Dawn l-arranġamenti jew ftehim jistgħu jinkludu memorandum ta' fehim li jkun ġie żviluppat apposta għall-finijiet tal-Programm tal-PNR tas-CBSA, jew trattat li skond hu l-awtoritajiet tas-CBSA jkunu meħtieġa li jipprovdu għajnuna u informazzjoni. Fi kwalunkwe każ, l-informazzjoni għandha tinqasam biss għal għan li jkun konsistenti ma' dawk stabbiliti fit-Taqsima 2, u biss jekk il-pajjiż li qed jirċeviha jidħol li jipprovdi lil dik l-informazzjoni b'ħarsien li jkun konsistenti ma' dawn l-Impenji. Fil-każijiet kollha, l-ammont minimu ta' informazzjoni possiblli għandha tingħata lill-pajjiż l-ieħor.

18. L-informazzjoni ta' l-API u l-PNR miżmuma fis-sistema PAXIS għandha tinqasam ma' pajjiż biss li jkun irċieva tagħrif xieraq skond id-Direttiva, jew li jkun kopert biha.

19. L-informazzjoni ta' l-API u l-PNR miżmuma f'bażi ta' tagħrif ta' infurzar deskritta fit-Taqsima 9, tista' tinqasam skond l-obbligi tat-trattat taħt Ftehim ta' Għajnuna Doganali Reċiproka jew Ftehim ta' Għajnuna Legali Reċiproka. F'dan il-każ, l-elementi ta' l-API u l-PNR għandhom jinqasmu fuq il-bażi ta' każ b'każ u sakemm is-CBSA ikollha fil-pussess tagħha xhieda li tkun torbot it-talba direttament ma' l-istħarriġ jew il-prevenzjoni ta' kriminalità msemmija fit-Taqsima 2, u sakemm l-elementi tad-data biss li jkunu pprovduti jkunu strettament meħtieġa għall-issuktar ta' l-inkjesta speċifika in kwistjoni.

L-Iżvelar ta' l-Informazzjoni ta' l-API u l-PNR fl-Interess Vitali tas-Suġġett tad-Data

20. Minkejja kwalunkwe ħaġa f'dawn l-Impenji li tkun kontra, is-CBSA tista' tiżvela informazzjoni ta' l-API u l-PNR lil dipartimenti u aġenziji governattivi rilevanti tal-Kanada jew oħrajn, fejn dan l-iżvelar ikun meħtieġ għall-ħarsien ta' l-interessi vitali tas-suġġett tad-data jew ta' persuni oħra, l-aktar fejn jidħlu r-riskji sostanzjali għas-saħħa.

In-Notifikazzjoni lis-Suġġett tad-Data

21. Is-CBSA għandha tipprovdi informazzjoni lill-pubbliku li jkun qed jivjaġġa dwar il-kriterji ta' l-API u l-PNR, kif ukoll dwar il-punti marbuta ma' l-użu tagħha, inklużi informazzjoni ġenerali dwar l-awtorità li taħtha d-data għandha tinġabar, l-għan għal dan il-ġbir, il-ħarsien li għandha tingħata lid-data, il-manjiera u l-livell sa fejn din id-data għandha titqassam, l-identità ta' l-uffiċjali responsabbli tas-CBSA, il-proċeduri disponibbli għall-informazzjoni ta' korrezzjoni u kuntatt ma' persuni li jkollhom xi domandi jew problemi.

Il-Mekkaniżmi tar-Reviżjoni Legali tal-Programm tal-PNR tas-CBSA

22. Il-programm tal-PNR jista' jkun suġġett għal reviżjonijiet ta' konformità u stħarriġ mill-Kummissarju tal-Privatezza tal-Kanada u l-Uffiċċju ta' l-Awditur Ġenerali tal-Kanada.

23. L-awtorità indipendenti tal-ħarsien tad-data tal-Kanada, il-Kummissarju tal-Privatezza

tal-Kanada, jista'jinvestiga l-konformità min-naħa tad-dipartimenti u l-aġenziji tal-gvern ma' l-*Att dwar il-Privatezza*, u jistgħu jissorveljaw sa fejn is-CBSA għandha tkun konformi ma' dawn l-Impenji. Wara li jkunu ġew aċċettati għanijiet u kriterji standard, il-Fergħa tal-Prassi tal-Privatezza u r-Reviżjoni ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Privatezza tista' twettaq reviżjonijiet ta' konformità kif ukoll stħarri ġ. Il-Kummissarju tal-Privatezza tal-Kanada jista' jiżvela informazzjoni li, fl-opinjoni tiegħu, tkun meħtieġa biex titwettaq investigazzjoni taħt l-Att jew li tkun tistabbilixxi r-raġunijiet għat-tisjib u r-rakkomandazzjonijiet li jkun hemm fi kwalunkwe rapport li jkun sar skond l-Att.

24. L-Uffiċċju ta' l-Awditur Ġenerali tal-Kanada jwettaq verifiki indipendenti dwar l-operat tal-gvern federali Kanadiż. Dawn il-verifiki jipprovdu lill-membri tal-Parlament Kanadiż u lill-pubbliku b'informazzjoni oġġettiva biex tgħinhom jeżaminaw il-ħidmiet tal-gvern u żżommu responsabbli.

25. Kopji finali tar-rapporti ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Privatezza u l-Uffiċċju ta' l-Awditur Ġenerali għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku permezz ta' rapporti annwali lill-Parlament u, li skond id-diskrezzjoni tagħhom, ikunu disponibbli malajr fuq l-Internet. Is-CBSA għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b'kopji ta' dawn ir-rapporti li jkollhom x'jaqsmu b'xi mod mal-programm tal-PNR.

Ir-Reviżjoni Konġunta tal-Programm tal-PNR tas-CBSA

26. Barra mill-proċessi ta' reviżjoni msemmija aktar `il fuq, li huma parti mil-liġi Kanadi ża, is-CBSA għandha tipparteċipa fuq bażi annwali jew skond kif xieraq, u bi ftehim mal-Kummissjoni, f'reviżjoni konġunta tal-programm tal-PNR li jkollu x'jaqsam mat-trasferimenti tad-data ta' l-API u l-PNR lis-CBSA.

Korrezzjonijiet

Il-Qafas Legali

27. Il-*Karta tad-Drittijiet u l-Libertajiet* tal-Kanada, li hija parti mill-Kostituzzjoni Kanadi ża, tapplika għall-azzjonijiet kollha tal-gvern, inkluża l-leġiżlazzjoni. L-Artikolu 8 tal-*Karta* jipprovdi d-dritt għall-ħarsien kontra tiftix u qbid mhux raġonevoli, u jħares stennija raġonevoli ta' privatezza. L-Artikolu 24 tal-*Karta* jippermetti li persuna, li d-drittijiet tagħha jkunu nkisru, tkun tista' tmur il-qorti ta' ġurisdizzjoni kompetenti biex titlob rimedju, skond kif il-qorti tkun tqis bħala xieraq u ġust fiċ-ċirkostanzi.

28. Id-dritt ta' ċittadin barrani li jkollu aċċess għar-rekords taħt il-kontroll ta' dipartiment tal-gvern federali Kanadiż, minħabba l-Ordni ta' Estensjoni Numru 1 ta' l-*Att dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni* (ATIA), qed jingħata lil kull persuna li tkun preżenti fil-Kanada. Suġġett għall-eċċezzjonijiet li hemm fl-Att, ċittadin barrani li jkun preżenti fil-Kanada, jew inkella persuna li tkun preżenti fil-Kanada bil-kunsens ta' ċittadin barrani li ma jkunx preżenti fil-Kanada, jista' jagħmel talba skond l-ATIA biex ikollu aċċess g ħar-rekords dwar iċ-ċittadin barrani, u jingħata aċċess għal dawn ir-rekords, suġġett g ħal eżenzjonijiet speċifiċi u limitati u għal esklużjonijiet li hemm fl-Att.

29. Taħt l-*Att dwar il-Privatezza*, id-dritt għall-aċċess għal informazzjoni personali u għal talbiet għal korrezzjonjijiet jew notazzjonijiet qed ikun estiż minħabba l-Ordni ta' Estensjoni Numru 2, lil kull persuna li tkun preżenti fil-Kanada. Għalhekk, suġġett g

ħal eċċezzjonijiet li hemm fl-Att, ċittadin barrani jista' jeżerċita dawn id-drittijiet jekk ikun preżenti fil-Kanada..

Il-Qafas Amministrattiv

30. Barra minn hekk, madankollu, id-dipartiment tal-gvern li jkollu informazzjoni personali dwar persuna jista', b'mod amministrattiv, joffri d-drittijiet ta' l-aċċess, il-korrezzjoni u n-notazzjoni lil ċittadini barranin li ma jkunux preżenti fil-Kanada. Is-CBSA ser testendi dawn id-drittijiet dwar l-informazzjoni ta' l-API u l-PNR li jkollha fil-pussess tagħha liċ-ċittadini ta' l-UE jew persuni oħra li ma jkunux preżenti fil-Kanada, sakemm l-iżvelar ikun awtorizzat b'mod ieħor bil-liġi.

31. Il-Kummissarju tal-Privatezza tista' tagħti bidu għal ilment jekk il-Kummissarju tkun "sodisfatta li jkun hemm raġunijiet validi biex materja tkun investigata taħt l-Att [dwar il-Privatezza]", u jekk din ikollha setgħat wiesgħa ta' stħarriġ dwar kwalunkwe lment. Barra minn hekk, il-Kummissarju tal-Privatezza jista' jindirizza l-ilmenti referuti lilu mill-Awtoritajiet tal-Ħarsien tad-Data (DPAs) ta' kwalunkwe Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea (UE) f'isem resident ta' l-UE, sakemm dan ir-resident ikun awtorizza lid-DPA biex din taġixxi f'ismu jew isimha u jkun (tkun) jemmen (temmen) li l-ilment tal-ħarsien tad-data tiegħu jew tagħha dwar l-informazzjoni ta' l-API u l-PNR ma jkunx ġie trattat tajjeb mis-CBSA kif stipulat fil-paragrafu 30 imsemmi aktar `il fuq. Il-Kummissarju tal-Privatezza għandu jirraporta dwar il-konklużjonijiet tiegħu u jagħti parir lid-DPA jew DPAs ikkonċernati dwar l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu, jekk ikun hemm.

32. Il-Kummissarju tal-Privatezza għandu wkoll is-setgħat speċjali biex jinvestiga sa fejn id-dipartimenti u l-aġenziji tal-gvern Kanadiż qed ikunu konformi ma' l-*Att dwar il-Privatezza*, fejn għandhom x'jaqsmu l-ġbir, iż-żamma, l-użu, l-iżvelar u r-rimi ta' informazzjoni personali.

Is-Sigurtà ta' l-Informazzjoni

33. L-aċċess għas-sistema PAXIS se jkun ipprovdut biss għal numru ristrett ta' miraturi jew uffiċjali tas-servizz ta' l-informazzjoni tas-CBSA li jkunu jinsabu fit-taqsimiet li jinvestigaw il-passiġġieri fl-uffiċċji reġjonali Kanadiżi u fil-Kwartieri-Ġenerali tas-CBSA li hemm f'Ottawa, il-Kanada. Dawn l-uffiċjali se jkollhom aċċess għas-sistema PAXIS f'postijiet żguri u li ma jkunx hemm aċċess għalihom mill-membri tal-pubbliku.

34. Biex ikollhom aċċess għas-sistema PAXIS, l-uffiċjali jkollhom jużaw żewġ *logins* separati, billi jużaw identità ta' l-utent u kodiċi ġġenerati mis-sistema stess. L-ewwel *login* jagħti aċċess għan-Netwerk ta' l-Erja Lokali tas-CBSA, waqt li t-tieni jagħti aċ ċess għall-pjattaforma tas-Sistema Doganali Integrata, li mbagħad tipprovdi aċċess g ħall-applikazzjoni PAXIS. L-aċċess għan-netwerk tas-CBSA u għal kwalunkwe data li jkun hemm fis-sistema PAXIS tkun ikkontrollata strettament u tkun ristretta għal grupp żgħir ta' utenti; kull domanda u reviżjoni fid-data tal-passiġġier li jkun hemm fis-sistema ser tiġi vverifikata. Ir-rekord tal-verifika li jiġi ġġenerat ser jkollu l-isem ta' l-utent, il-post ta' ħidmet l-utent, id-data u l-ħin ta' l-aċċess u n-numru li permezz tieg ħu jinsab il-fajl tal-PNR għall-informazzjoni li jkun hemm aċċess għaliha. Is-CBSA se tirrestriġi l-aċċess ukoll għal elementi partikolari tad-data ta' l-API u l-PNR fis-sistema fuq il-bażi ta' "ħtieġa li tkun taf" (bażi tat-tip/profil ta' utent). Dawn il-

kontrolli fuq l-aċċess għandhom jiżguraw li l-aċċess għall-informazzjoni ta' l-API u l-PNR ikun ipprovdut biss lill-persuni deskritti fl-Artikolu 33, għall-finijiet stipulati fl-Artikolu 2.

35. L-aċċess, l-użu u l-iżvelar ta' l-informazzjoni ta' l-API u l-PNR huma kkontrollati mill-*Att dwar il-Privatezza,* l-*Att dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni*, kif ukoll bl-Artikolu 107 ta' l-*Att dwar id-Dwana* u l-politika amministrattiva deskritta fit-Taqsima 37 ta' dawn l-Impenji, li jirriflettu l-ħarsien u s-salvagwardji msemmija fid-dokument pre żenti. L-Artikolu 160 ta' l-*Att dwar id-Dwana* u l-kodiċi interni ta' mġiba jipprovdu g ħal sanzjonijiet kriminali jew oħrajn f'każ li din il-politika ma tkunx irrispettata u, kif ġie nnutat aktar `il fuq, il-Kummissarju tal-Privatezza għandu s-setgħa taħt l-*Att dwar il-Privatezza* li jagħti bidu għal stħarriġ dwar l-iżvelar ta' informazzjoni personali.

36. Il-politika ta' l-iżvelar tal-PNR tas-CBSA tistabbilixxi l-proċeduri li għandhom ikunu segwiti mill-ħaddiema kollha tas-CBSA li jkollhom aċċess għall-informazzjoni ta' l-API u l-PNR. Il-politika tas-CBSA hija li tipproteġi l-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni u li tmexxiha skond l-awtoritajiet fil-leġiżlazzjoni tal-Kanada*,* kif ukoll skond il-politika tas-CBSA u tal-Gvern Kanadiż li għandhom x'jaqsmu mat-tmexxija u s-sigurtà ta' l-informazzjoni, kif hemm f'Artikolu 38.

37. Il-politika ta' l-iżvelar tal-PNR tas-CBSA tipprovdi:

(a) li uffiċjal jista' jiżvela, jawtorizza l-aċċess jew l-użu ta' l-informazzjoni ta' l-API u l-PNR biss meta dan ikun awtorizzat li jagħmel hekk bil-liġi u skond il-politika;

(b) li uffiċjali għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiżguraw li l-informazzjoni essenzjali biss tkun żvelata lil partijiet terzi;

(c) li l-informazzjoni tkun żvelata biss għal għan speċifiku awtorizzat u limitat għall-ammont minimu ta' informazzjoni meħtieġa għal dak il-għan;

(d) li l-informazzjoni tkun ipprovduta biss jew ikollha aċċess biss minn persuni li jkollhom ħtieġa operattiva biex jarawha; u

(e) li, suġġett għall-*Att dwar il-Privatezza,* l-*Att dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni* u l-*Att dwar l-Arkivji Nazzjonali,* kull informazzjoni li tkun żvelata għandha tinqered jew tingħata lura ladarba din tkun użata, skond il-politika ta' l-amministrazzjoni ta' l-informazzjoni tas-CBSA u l-Bord tat-Teżor tal-Kanada.

38. Il-politika ta' l-iżvelar tal-PNR tas-CBSA taqa' taħt l-umbrella tal-ħafna politiki wiesg ħa tas-CBSA għall-ħarsien u l-amministrazzjoni ta' l-informazzjoni miġbura taħt id-diversi statuti amministrati mis-CBSA. Barra minn hekk, il-ħaddiema kollha tas-CBSA huma marbuta bil-politika tas-sigurtà tal-Gvern tal-Kanada dwar il-ħarsien ta' sistemi elettroniċi u l-ħarsien tad-data.[7]

39. Il-ħaddiema kollha tas-CBSA huma familjari ma' dawn il-politiki kif ukoll mal-

[7] Politiki li ssemmew jinkludu: Il-*Politika tas-Sigurtà tal-Gvern* ippubblikata mis-Segretarjat tal-Bord tat-Teżor tal-Kanada fl-1 ta' Frar 2002, u l-*Istandard tas-Sigurtà ta' l-Operat: L-Amministrazzjoni tas-Sigurtà tat-Teknoloġija ta' l-Informatika* (MITS), ippubblikat mis-Segretarjat tal-Bord tat-Teżor tal-Kanada fil-31 ta' Mejju 2004.

konsegwenzi f'każ ta' nuqqas ta' konformità; il-konformità ma' dawn hija kondizzjoni tax-xogħol tagħhom.

Ir-Reċiproċità

40. L-*Att dwar l-Aeronawtika* jippermetti lill-kumpaniji ta' l-ajru Kanadiżi li joperaw b'titjiriet minn kull destinazzjoni, jew lill-kumpaniji ta' l-ajru li joperaw b'titjiriet li jitilqu mill-Kanada, biex jipprovdu lil stat barrani b'informazzjoni dwar persuni abbord dawn it-tijitriet li jkunu ddestinati għal dak l-istat, fejn il-liġijiet ta' dak l-istat ikunu je ħtieġu dik l-informazzjoni.

41. Fil-każ li l-Komunità Ewropea, l-Unjoni Ewropea jew kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri tagħha jiddeċiedu li jadottaw sistema ta' identifikazzjoni tal-passiġġieri ta' l-ajru u jgħaddu liġi li tkun teħtieġ li l-kumpaniji kollha ta' l-ajru jipprovdu lill-awtoritajiet ta' l-Ewropa b'aċċess għad-data ta' l-API u l-PNR għal persuni li l-itinerarju tal-vjaġġ preżenti jinkludi titjira lejn l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 4.83 ta' l-Att dwar l-Aeronawtika jippermetti lill-kumpaniji ta' l-ajru biex ikunu konformi ma' dan il-kriterju.

Ir-Reviżjoni u t-Terminazzjoni ta' l-Impenji

42. Dawn l-Impenji għandhom japplikaw għal terminu ta' tliet snin u sitt xhur (3.5 snin) , li jibda mid-data li fiha l-ftehim jidħol fis-seħħ bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea, liema ftehim ikun jawtorizza l-ipproċessar tad-data ta' l-API u l-PNR mill-kumpaniji ta' l-ajru biex tkun trasferita din id-data lis-CBSA, skond din id-Direttiva. Wara li dawn l-Impenji jkunu ilhom fis-seħħ għal sentejn u sitt xhur (2.5 snin), is-CBSA g ħandha tagħti bidu għal diskussjonijiet mal-Kummissjoni bil-ħsieb li testendi, fuq termini aċċettabbli b'mod reċiproku, l-Impenji u kwalunkwe arranġamenti ta' appoġġ oħra. Jekk ma jintlaħqu l-ebda arranġamenti aċċettabbli b'mod reċiproku qabel id-data ta' l-għeluq dawn l-Impenji, l-Impenji ma jibqgħux japplikaw iżjed għal kwalunkwe data miġbura minn dak il-mument 'il quddiem. Id-data miġbura waqt li dawn l-Impenji kienu fis-seħħ għandha tibqa' protetta bit-termini ta' dawn l-Impenji sakemm tali data tkun imħassra.

43. Is-CBSA tilħaq l-Impenji tagħha billi tapplika l-liġi eżistenti tal-Kanada, jew, fejn ma tkunx koperta diġà bil-leġiżlazzjoni tal-Kanada, bir-regolamenti fformulati spe ċifikament għal dak il-għan.

Żjieda “A”

Elementi tad-Data tal-PNR Meħtieġa mis-CBSA mingħand il-Kumpaniji ta’ l-Ajru

1. Isem
2. Data ta’ l-API
3. Il-kodiċi li permezz tiegħu jinsab ir-rekord tal-PNR
4. Id-data tal-vjaġġ maħsub
5. Id-data ta’ meta sar l-ibbukkjar
6. Id-data tal-ħruġ tal-biljett
7. L-aġenziji ta’ l-ivvjaġġar
8. L-aġent ta’ l-ivvjaġġar
9. Numri ta’ kuntatt tat-telefon
10. Indirizz fejn jintbagħat il-kont
11. Il-formuli kollha dwar informazzjoni ta’ ħlas
12. Informazzjoni dwar vjaġġaturi ta’ sikwit
13. Taqsima ta’ informazzjoni dwar il-biljett
14. In-numru tal-biljett
15. Informazzjoni tal-PNR maqsuma/diviża
16. Informazzjoni dwar *go show*
17. Storja ta' *no show*
18. Informazzjoni dwar l-itinerarju kollu tal-vjaġġ
19. Informazzjoni ta’ stennija
20. Ismijiet oħra fuq il-PNR
21. Ordni għal *check in*
22. In-numri tat-tikketti fuq il-bagalja
23. Informazzjoni ta’ fejn ikun bilqiegħda
24. In-numru tal-post fejn wieħed ikun bilqiegħda
25. Biljetti għal destinazzjoni mingħajr ir-ritorn